MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 527/2008

**Go Plc (C 22334)**

**vs**

**Multiways Limited (C 11001)**

**It-Tribunal;**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghal hlas ta’ tlett mija, hamsa u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€365.55) gja` Lm156.93, rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess socjeta’ konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu n -numru 21441591 u 21441597 skond diversi kontijiet mibghuta lilu u skond id-dokumenti a, b, c u d, annessi mat-talba.

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2008 mill-Avukat Dr. Keith Grech.

It-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta` konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------